MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2003

Numru. 285/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**GIUSEPPE SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GIUSEPPE SPITERI** bin Michele u Carmela nee Curmi, residenti Ave Maria, Triq Antonio Mallia, Rabat Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 35523 (G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta ta' Gunju, 2003 ghall-habta tal-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar fi Triq Antonio Mallia, Rabat, Ghawdex;

1. kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
2. minghajr ma darab jew sawwat hedded lit-tfal minuri ta' Lucia u Mark Cook bil-gebel;
3. hedded lit-tfal minuri ta' Lucia u Mark Cook bil-kliem;
4. insulenta lil Lucia Cook bil-kliem.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 338 (dd), 339(1)(b) 339(1)(d), 339 (1) (e) u 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil Dottor Ian Galea, PS 1040, Lucia Cook, Mark Geoffrey Cook kif ukoll lill-imputat.

**Illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ppruvati b'mod soddisfacenti u ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat GIUSEPPE SPITERI hati u tikkundannah amenda ta' hmistax il-lira Maltin (LM 15) ghal kull akkuza, oltre dan tobbliga lill-imputat taht penali ta' mitt lira Maltin (LM 100) li ma jimmolestax u ma jingurjax u ma jheddidx lil familja Cook ghall-perjodu ta' sena.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------